Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 669/2009

tal-24 ta' Lulju 2009

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 212/2010 tat-12 ta' Marzu 2010	L 65	16	13.3.2010
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 878/2010 tas-6 ta' Ottubru 2010	L 264	1	7.10.2010
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1099/2010 tas-26 ta' Novembru 2010	L 312	9	27.11.2010
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 187/2011 tal-25 ta' Frar 2011	L 53	45	26.2.2011
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 433/2011 tal-4 ta' Mejju 2011	L 115	5	5.5.2011
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 799/2011 tad-9 ta' Awwissu 2011	L 205	15	10.8.2011
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1277/2011 tat-8 ta' Diċembru 2011	L 327	42	9.12.2011
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 294/2012 tat-3 ta' April 2012	L 98	7	4.4.2012
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 514/2012 tat-18 ta' Ġunju 2012	L 158	2	19.6.2012
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 889/2012 tas-27 ta' Settembru 2012	L 263	26	28.9.2012
►M11	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1235/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012	L 350	44	20.12.2012
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 91/2013 tal-31 ta' Jannar 2013	L 33	2	2.2.2013
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 270/2013 tal-21 ta' Marzu 2013	L 82	47	22.3.2013
►M14	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 618/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013	L 175	34	27.6.2013
►M15	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 925/2013 tal-25 ta' Settembru 2013	L 254	12	26.9.2013
►M16	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1355/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 341	35	18.12.2013

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 669/2009

tal-24 ta' Lulju 2009

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u partikolarment l-Artikolu 15(5) u l-Artikolu 63(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([2]), u partikolarment l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi qafas armonizzat ta' regoli ġenerali għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fuq livell Kommunitarju, li jinkludi l-kontrolli uffiċjali fuq id-dħul tal-ikel u l-għalf ġejjin minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk jistipula li għandha tiġi kkompilata lista tal-ikel u l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali, li għandhom ikunu soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq bażi ta' riskju magħruf jew riskju li jkun qed jitfaċċa, fil-punt tad-dħul fit-territorji msemmija fl-Anness I tiegħu ("il-lista"). Dan il-livell ogħla ta' kontroll għandu jippermetti, min-naħa waħda, li r-riskju magħruf jew dak emerġenti jkun ikkontrollat b'iżjed effiċjenza, u min-naħa l-oħra, il-ġbir ta' dejta preċiża ta' sorveljanza biex jiġu osservati l-okkorrenza u l-prevalenza tar-riżultati sfavorevoli li joħorġu mill-analiżi tal-laboratorju.

(2) Biex tiġi kkompilata din il-lista, iridu jkunu kkunsidrati ċerti kriterji, li jippermettu li jiġu identifikati r-riskji magħrufin jew emerġenti relatati ma' xi ikel jew għalf speċifiku ta' oriġini mhux mill-annimali.

(3) Sakemm jiġu adottati metodoloġija u kriterji standardizzati għal-kompilazzjoni tal-lista, għandhom jiġu kkunsidrati, għall-għanijiet tal-kompilazzjoni u l-aġġornament tagħha, d-dejta li toħroġ min-notifikazzjonijiet li jintbagħtu bis-sistema ta' twissija f'waqtha

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

▼B

dwar l-għalf u l-ikel (RASFF), kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 178/2002; ir-rapporti tal-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel; ir-rapporti mingħand il-pajjiżi terzi; l-iskambji tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; u l-evalwazzjonijiet xjentifiċi.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula li, għall-organizzazzjoni tal-livell ogħla ta' kontrolli, l-Istati Membri għandhom jinnominaw punti partikolari ta' dħul fit-territorji tagħhom li jkollhom aċċess għal faċilitajiet ta' kontroll xierqa għat-tipi differenti tal-għalf u tal-ikel. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu stipulati fir-Regolament preżenti r-rekwiżiti minimi għall-punti tad-dħul magħżulin biex ikun żgurat livell ta' uniformità fl-effikaċja tal-kontrolli.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula li, għall-organizzazzjoni tal-livell ogħla ta' kontrolli, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel responsabbli għall-kunsenji jagħtu notifikazzjoni minn qabel talwasla u n-natura ta' dawn il-konsenji. Għaldaqstant, biex jiġi żgurat approċċ uniformi fil-Komunità kollha, għandu jiġi stipulat mudell ta' dokument komuni tad-dħul (DKD) għall-kull importazzjoni tal-għalf u tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li hi koperta mir-Regolament preżenti. Id-DKD għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet tad-dwana fil-ħin li jiġu ddikjarati l-konsenji għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera.

(6) Barra minn hekk, biex jiġi żgurat ċertu livell ta' uniformità fuq livell Komunitarju fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali ta' livell ogħla, huwa xieraq li jiġi stipulat f'dan ir-Regolament li fost il-kontrolli uffiċjali għandhom isiru l-kontrolli fuq id-dokumenti, il-kontrolli dwar l-identità u l-kontrolli fiżiċi.

(7) Iridu jkunu disponibbli riżorsi finanzjarji xierqa biex jiġu organizzati dawn il-livelli ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiġbru l-miżati li jeħtieġu biex ikopru l-ispejjes ta' dawn il-kontrolli. Il-kalkolu ta' dawn il-miżati għandu jsir skont il-kriterji stipulati fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/402/KE tat-23 ta' Mejju 2005 dwar il-miżuri ta' emerġenza fir-rigward tal-bżar aħmar, il-prodotti tal-bżar aħmar; il-kurkuma u ż-żejt tal-palm [1] tistipula li l-konsenji kollha ta' dawn il-prodotti għandu jkollhom magħhom rapport analitiku li juri li l-prodott ma fih l-ebda wieħed minn dawn is-sustanzi li ġejjin: Sudan I (Nru CAS 842-07-9), Sudan II (Nru CAS 3118-97-6), Sudan III (Nru CAS 85-86-9) jew Sudan IV (85-83-6). Minn meta ġew adottati dawn il-miżuri, naqqset l-inċidenza ta' notifikazzjonijiet lill-RASFF li juri titjib sinifikanti fis-sitwazzjoni fir-rigward tal-preżenza taż-żebgħat tas-Sudan fil-prodotti rilevanti. Għalhekk huwa xieraq li jintemm ir-rekwiżit li għandu jkun megħmuż rapport analitiku ma' kull konsenja ta' prodotti importati li hu stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/402/KE u li minfloku jitwaqqaf livell ogħla ta' kontrolli uniformi fuq dawn il-konsenji fil-punt tad-dħul fil-Komunità. Id-Deċiżjoni 2005/402/KE hija rrevokata.

[1] ĠU L 135, 28.5.2005, p. 34.

▼B

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/504/KE tat-12 ta' Lulju 2006 dwar kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw ċerti oġġetti tal-ikel impurtati minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskji ta' kontaminazzjoni ta' dawn il-prodotti mill-aflatossini ([1]), tistipula li għandhom isiru kontrolli iżjed spissi (50 % tal-konsenji kollha) biex ifittxu għall-preżenza tal-aflatossini fil-karawett li jkun ġej mill-Brażil. Kemm ilhom li ġew adottati dawn il-miżuri, naqqset l-inċidenza tan-notifikazzjonijiet lill-RASFF dwar l-aflatossini fil-karawett li jkun ġej mill-Brażil. Għalhekk hu xieraq li jintemmu l-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2006/504 fir-rigward ta' dawn il-prodotti, li għandhom minflok jiġu suġġetti għal livelli ogħla ta' kontrolli uniformi fil-punt tad-dħul fil-Komunità. Id-Deċiżjoni 2006/504/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(10) L-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi għall-punti tad-dħul magħżula tista' toħloq diffikultajiet prattiċi għall-Istati Membri. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jistipula żmien ta' tranżizzjoni li matulu jistgħu jiġu implimentati dawn ir-rekwiżiti ftit ftit. Skont dan, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkollhom il-fakultà waqt dan il-perjodu ta' tranżizzjoni li jwettqu l-kontrolli fiżiċi u l-kontrolli tal-identità f'punti tal-kontroll li mhumiex il-punt tad-dħul magħżul. F'dawn il-każi, dawn il-punti ta' kontroll iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi għall-punti tad-dħul magħżulin li huma stipulati f'dan ir-Regolament.

(11) Il-miżuri li hemm f'dan ir-Regolament huma fi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli fir-rigward tal-livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 fil-punti tad-dħul fit-territorji msemmijin fl-Anness I tiegħu, dwar l-importazzjoni tal-għalf u tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li huma elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Aġġornament tal-Anness I

Biex il-lista tal-Anness I tiġi kkompilata u emendata regolarment, irid jiġi kkunsidrat mill-inqas wieħed minn dwan is-sorsi ta' tagħrif:

(a) id-dejta li tirriżulta min-notifiki li jaslu permezz tal-RASFF;

(b) rapporti u informazzjoni li joħorġu mill-attivitajiet tal-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel;

(c) rapporti u informazzjoni mibgħuta minn pajjiżi terzi;

([1]) ĠU L 199, 21.7.2006, p. 21.

▼B

(d) informazzjoni li titpartat bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurtà fl-Ikel;

(e) fejn hu xieraq, valutazzjonijiet xjentifiċi.

Il-lista tal-Anness I għandha tiġi rriveduta regolarment, u mill-inqas kull tliet xhur.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "dokument komuni tad-dħul (DKD)" ifisser dak id-dokument li għandu jimtela mill-operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha kif stipulat fl-Artikolu 6, li tiegħu hemm mudell fl-Anness II, u mill-awtorità kompetenti li tikkonferma li tlestew il-kontrolli uffiċjali;

(b) "il-punt tad-dħul magħżul (PDM)" ifisser il-punt tad-dħul stipulat fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, f'wieħed mit-territorji msemmijin fl-Anness I tiegħu; fil-każi ta' konsenji li jaslu bil-baħar, li jitħattew bl-għan li jitgħabbew fuq vapur ieħor biex immorru f'port ieħor fi Stat Membru ieħor, il-punt tad-dħul magħżul ikun l-aħħar port;

(c) "konsenja" tfisser kwantità ta' kwalunkwe wieħed mill-prodotti tal-għalf jew tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li huma elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, tal-istess klassi jew deskrizzjoni, inkluża fl-istess dokument(i), mibgħuta bl-istess mezz tat-trasport u li toriġina mill-istess pajjiż terz jew parti mill-pajjiż.

Artikolu 4

Rekwiżiti minimi għall-punti tad-dħul magħżulin

Bla ħsara għall-Artikolu 19, il-punti tad-dħul magħżulin għandu jkollhom għad-dispożizzjoni mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) numru biżżejjed ta' impjegati li għandhom il-kwalifiki xierqa u l-esperjenza biex iwettqu l-kontrolli preskritti fuq il-konsenji;

(b) faċilitajiet xierqa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tagħmel il-kontrolli meħtieġa;

(c) istruzzjonijiet dettaljati dwar it-teħid tal-kampjuni għall-analiżi u dwar kif il-kampjuni jintbagħtu għall-analiżi fil-laboratorju magħżul skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 ("il-laboratorju magħżul");

(d) faċilitajiet fejn il-konsenji (u l-konsejni fil-kontejners) jiġu maħżunin f'kundizzjonijiet xierqa waqt iż-żmien tad-detenzjoni, fejn xieraq, sakemm jistennew ir-riżultati tal-analiżi msemmija fil-punt (c), u numru biżżejjed ta' kmamar għall-ħażna li jinkludu l-imħażen tal-friża, għall-każi fejn il-konsenja jkollha bżonn tinżamm f' temperaturi kkontrollati;

(e) tagħmir għall-ħatt u l-istrumenti meħtieġa biex jittieħdu l-kampjuni għall-analiżi;

▼B

(f) il-faċilitajiet biex, fejn hemm bżonn, il-ħatt u t-teħid tal-kampjuni għall-analiżi jsiru f'post kenni;

(g) laboratorju magħżul fejn issir l-analiżi msemmija fil-punt (c), f'post fejn il-kampjuni jkunu jistgħu jitwasslu f'qasir żmien.

Artikolu 5

Lista tal-punti tad-dħul magħżulin

L-Istati Membri għandhom iżommu fuq l-Internet, miftuħa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, lista aġġornata tal-punti tad-dħul magħżulin għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-indirizzi tal-Internet ta' dawn il-listi lill-Kummissjoni.

Fuq is-sit tal-Internet tagħha, il-Kummissjoni għandha turi l-ħoloq elettroniċi nazzjonali li jwasslu għal dawn il-listi, għall-informazzjoni tal-pubbliku.

Artikolu 6

Twissija bil-quddiem tal-wasla tal-konsenji

L-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom javżaw bil-quddiem id-data u l-ħin tal-wasla mistennija tal-konsenja fil-punt tad-dħul magħżul u dwar in-natura tal-konsenja.

Għal dan il-għan iridu jimlew il-Parti I tad-dokument tad-dħul komuni u jibagħtu d-dokument lill-awtorità kompetenti fil-punt tad-dħul magħżul, mill-inqas ġurnata waħda tax-xogħol qabel ma tasal il-konsenja.

Artikolu 7

Il-Lingwa tad-dokumenti komuni tad-dħul

Id-dokumenti komuni tad-dħul għandhom jinkitbu fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru fejn jinstab il-punt tad-dħul magħżul.

Madankollu, Stat Membru jista' jaċċetta li d-dokumenti komuni tad-dħul ikunu miktubin b'lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità.

Artikolu 8

Livelli ogħla tal-kontrolli uffiċjali fil-punti tad-dħul magħżulin

1. L-awtorità kompetenti fil-punt tad-dħul magħżul għandha, mingħajr dawmien żejjed, tagħmel dan li ġej:

(a) kontrolli tad-dokumentazzjoni ta' kull konsenja fi żmien żewġt iġranet tax-xogħol minn meta jaslu fil-PDM, sakemm ma jinħolqux xi ċirkostanzi inevitabbli u eċċezzjonali.

(b) kontrolli fiżiċi u tal-identità, li jinkludu l-analiżi fil-laboratorju, bil-frekwenza stipulata fl-Anness I u b'mod li l-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom ma jkunux jistgħu ibassru jekk xi konsenja hijiex se tiġi kkontrollata jew le; ir-riżultati tal-kontrolli fiżiċi jeħtieġ li jkunu disponibbli kemm jista' jkun malajr teknikament.

▼B

2. Wara li jintemmu l-kontrolli stipulati fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) timla l-parti rilevanti tal-Parti II tad-dokument komuni tad-dħul; u l-uffiċjal risponsabbli tal-awtorità kompetenti għandu jittimbra u jiffirma l-oriġinal tad-dokument;

(b) tagħmel u żżomm kopja tad-dokument komuni tad-dħul iffirmat u ttimbrat.

Il-kopja oriġinali tad-dokument komuni tad-dħul trid tmur mal-konsenja tul il-vjaġġ tagħha sakemm tasal fid-destinazzjoni msemmija fid-DKD.

L-awtorità kompetenti fil-PDM tista' tawtorizza li l-konsenja tkompli fi triqitha sakemm joħorġu r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi. Fejn tingħata l-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti fil-PDM għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti fil-punt tad-destinazzjoni u għandhom isiru l-arranġamenti xierqa biex ikun żgurat li l-konsenja tibqa' taħt il-kontroll kontinwu tal-awtoritajiet kompetenti u li ma tkunx tista' titbagħbas bl-ebda mod sakemm joħorġu r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi.

F'każijiet fejn il-konsenja tkun ittrasportata qabel ma jkunu jistgħu jinħarġu r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi, għandha tinħareġ kopja ċċertifikata tad-DKD oriġinali għal dan l-għan.

Artikolu 9

Ċirkostanzi Partikolari

1. Fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tawtorizza li l-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti punti tad-dħul magħżula li jridu jaħdmu f'sitwazzjonijiet diffiċili għal raġunijiet ġeografiċi, ikunu jistgħu jagħmlu l-kontrolli fiżiċi fl-istabbiliment ta' operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel, sakemm jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-effiċjenza tal-kontrolli li jitwettqu fil-PDM ma tkunx affettwata ħażin;

(b) l-istabbiliment jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4 skont ir-rilevanza u li huwa approvat għal dan l-għan mill-Istat Membru;

(c) ikun hemm arranġamenti xierqa li jiggarantixxu li l-konsenja, mill-mument li tasal, tibqa' l-ħin kollu taħt il-kontroll kontinwu tal-awtoritajiet kompetenti tal-PDM u li ma tistax tiġi mbagħbsa bl-ebda mod tul iż-żmien tal-kontrolli kollha.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(1), f'ċirkostanzi eċċezzjonali, id-deċiżjoni li prodott ġdid ikun elenkat fl-Anness I tista' tistipula li l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni tal-konsenja tkun tista' tagħmel il-kontrolli fiżiċi, kif indikat fid-DKD fuq il-post tal-istabbiliment tal-operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jekk ikun xieraq u jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 (b) u (c), sakemm jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk, meta jsiru t-testijiet ta' kampjuni fil-PDM ikun hemm riskju kbir li l-ikel jiġi kkontaminat jew li l-prodott ikun imħassar b'mod inaċċettabbli minħabba li l-prodott jitħassar malajr jew minħabba li l-pakketti jkunu ta' ċerta kwalità;

▼B

(b) isiru arranġamenti xierqa mill-awtoritajiet kompetenti fil-PDM u l-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu l-kontrolli fiżiċi biex jaċċertaw li:

(i) il-konsenja ma tistax tiġi mbagħbsa bl-ebda mod waqt il-kontrolli kollha;

(ii) jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha ta' rappurtar stipulati fl-Artikolu 15.

Artikolu 10

Ir-Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera

Ladarba, fejn hu meħtieġ li jsiru l-kontrolli, dawn ikunu saru kollha b'konformità mal-Artikolu 8(1) u r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi jkunu magħrufa u jkunu pożittivi, ir-rilaxx tal-konsenja għaċ-ċirkolazzjoni libera jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' dokument komuni tad-dħul jew l-ekwivalent tiegħu elettroniku, minn għand l-operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew mir-rappreżentant tiegħu, lill-awtoritajiet tad-dwana, mimli, kif meħtieġ, mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 11

L-Obbligi tal-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel

F'każi fejn il-karatteristiċi speċjali tal-konsenja jitolbu din il-ħtieġa, l-operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew rappreżentant tiegħu, għandu jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti:

(a) ir-riżorsi umani u l-loġistika biex il-konsenja tinħatt biex ikunu jistgħu jsiru l-kontrolli uffiċjali;

(b) it-tagħmir xieraq għat-teħid tal-kampjuni għall-analiżi fejn jirrigwarda t-trasport speċjali u/jew formoli tal-ippakkjar speċifiċi, meta dan it-teħid ta' kampjuni ma jkunx jista' jsir b'mod ġenerali bit-tagħmir standardizzat.

Artikolu 12

It-taqsim tal-konsenji

Il-konsenji m' għandhomx jinqasmu qabel ma jkunu saru l-kontrolli uffiċjali fuq livell ogħla, u jkun imtela d-dokument komuni tad-dħul mill-awtorità kompetenti kif stipulat fl-Artikolu 8.

Fil-każ li wara dan il-konsenja tinqasam, kopja awtentika tad-dokument komuni tad-dħul trid tintbaghat ma' kull parti tal-konsenja sakemm dawn jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Artikolu 13

Nuqqas ta' konformità

Jekk il-kontrolli uffiċjali jistabbilixxu li hemm nuqqas ta' konformità, l-uffiċjal risponsabbli tal-awtorità kompetenti għandu jimla l-Parti III tad-dokument komuni tad-dħul u għandha tittieħed azzjoni skont l-Artikoli 19, 20 u 21 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

▼B

Artikolu 14

Miżati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġbir tal-miżati li jirriżultaw minħabba l-livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali stipulat f'dan ir-Regolament skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, u l-kriterji stipulati fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

2. Il-miżati msemmijin fil-paragrafu 1 iridu jitħallsu mill-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel li huma risponsabbli għall-konsenja, jew mir-rappreżentanti tagħhom.

Artikolu 15

Rapporti lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport dwar il-konsenji lill-Kummissjoni bi skop li ssir evalwazzjoni kontinwa tal-għalf u tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali elenkati fl-Anness I.

Dan ir-rapport għandu jitressaq kull tliet xhur sal-aħħar tax-xaħar ta' wara t-tliet xhur li jkunu għaddew.

2. Ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji ta' kull konsenja, li jinkludu:

(i) id-daqs fir-rigward tal-piż nett tal-konsenja;

(ii) isem il-pajjiż tal-oriġini ta' kull konsenja;

(b) in-numru ta' konsenji li minnhom ittieħdu l-kampjuni għall-analiżi;

(c) ir-riżultati tal-kontrolli kif stipulat fl-Artikolu 8(1);

3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor ir-rapporti li tirċievi skont il-paragrafu 2 u tpoġġihom għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

Artikolu 16

Emenda għad-Deċiżjoni 2006/504/KE

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/504/KE hija emendata skont dan li ġej:

(1) fl-Artikolu 1, is-subparagrafi (a) (iii), (iv) u (v) għandhom jitħassru,

(2) fl-Artikolu 5, l-paragrafu 2 (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) kull konsenja ta' ħwejjeġ tal-ikel mill-Brażil",

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 huwa mħassar.

Artikolu 17

Revoka tad-Deċiżjoni 2005/402/KE

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/402/KE hija rrevokata.

▼B

Artikolu 18

Applikabilità

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Jannar 2010.

▼M1

Artikolu 19

Miżuri tranżitorji

1. Għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jekk punt tad-dħul magħżul ma jkunx mgħammar bil-faċilitajiet meħtieġa biex isiru l-kontrolli fiżiċi u tal-identità, kif stipulat fl-Artikolu 8(1)(b), dawn il-kontrolli jistgħu jsiru f'punt ta' kontroll ieħor fl-istess Stat Membru, li jkun awtorizzat għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti, qabel ma l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera, sakemm dan il-punt ta' kontroll jissodisfa r-rekwiżiti minimi stipulati fl-Artikolu 4.

2. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, permezz ta' pubblikazzjoni elettronika fuq il-websajt tagħhom, lista tal-punti ta' kontroll awtorizzati skont il-paragrafu 1.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M16**

ANNESS I

Għalf u ikel mhux ta' oriġini mill-annimali soġġett għal żieda fil-livell ta' kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul dežinjat

Għalf u ikel (l-użu maħsub)	Kodiċi NM ([1])	Sottodiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
Għeneb imnixxef (frott tad-dwieli) (*Ikel*)	0806 20		L-Afganistan (AF)	Okratossina A	50
— Ġewż tal-art (karawett), bil-qoxra — Ġewż tal-art (karawett), bla qoxra — Butir tal-karawett — Ġewż tal-art (karawett), imħejji jew priżervat mod ieħor (*Għalf u Ikel*)	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		Il-Brażil (BR)	Aflatossini	10
Frawli (iffriżati) (*Ikel*)	0811 10		Iċ-Ċina (CN)	Norovajrus u epatite A	5
Brassica oleracea (Brassica oħra li tittiekel, il-"Brokkoli Ċiniż") ([2]) (*Ikel – frisk jew imkessaħ*)	ex 0704 90 90	40	Iċ-Ċina (CN)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([3])	20
Taljarini Mnixxfa (*Ikel*)	ex 1902 11 00; ex 1902 19 10; ex 1902 19 90; ex 1902 20 10; ex 1902 20 30; ex 1902 20 91; ex 1902 20 99; ex 1902 30 10; ex 1902 30 10	10 10 10 10 10 10 10 10 91	Iċ-Ċina (CN)	Aluminju	10
Pomelos (*Ikel - frisk*)	ex 0805 40 00	31; 39	Iċ-Ċina (CN)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([4])	20

▼**M16**

Għalf u ikel (l-użu maħsub)	Kodiċi NM (1)	Sottodiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
Te, sew jekk jingħata togħma sew jekk le (*Ikel*)	0902		Iċ-Ċina (CN)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed (5)	10
— Brunġiel — Bettieħa morra (*Momordica charantia*) (*Ikel - ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat*)	— 0709 30 00; ex 0710 80 95 — ex 0709 99 90; ex 0710 80 95	72 70 70	Ir-Repubblika Dominikana (DOM)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed (6)	10
— Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis)* — Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.) (*Ikel - ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat*)	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00 — 0709 60 10; ex 0709 60 99 — 0710 80 51; ex 0710 80 59	10 10 20 20	Ir-Repubblika Dominikana (DO)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed (6)	20
— Larinġ (frisk jew imnixxef) — Frawli (*Ikel frott frisk*)	— 0805 10 20; 0805 10 80 — 0810 10 00		L-Eġittu (EG)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed (7)	10
Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.) (*Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat*)	0709 60 10; ex 0709 60 99; 0710 80 51; ex 0710 80 59	20 20	L-Eġittu (EG)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed (8)	10

▼**M16**

Għalf u ikel (l-użu maħsub)	Kodiċi NM ([1])	Sottodiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— *Capsicum annuum*, sħiħ	— 0904 21 10		L-Indja (IN)	Aflatossini	10
— *Capsicum annuum*, imfarrak jew miṭħun	— ex 0904 22 00	10			
— Frott imnixxef tal-ġeneru *Capsicum*, sħiħ, minbarra l-bżar ħelu (*Capsicum annuum*)	— 0904 21 90				
— Kari (prodotti biċ-ċili)	— 0910 91 05				
— Noċemuskata (*Myristica fragrans*)	— 0908 11 00; 0908 12 00				
(*Ikel - ħwawar imnixxfin*)					
— Noċemuskata (*Myristica fragrans*)	— 0908 11 00; 0908 12 00		L-Indoneżja (ID)	Aflatossini	20
(*Ikel - ħwawar imnixxfin*)					
— Piżelli bil-miżwed (bla qoxra)	— ex 0708 10 00	40	Il-Kenja (KE)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([9])	10
— Fażola bil-miżwed (bla qoxra)	— ex 0708 20 00	40			
(*Ikel - frisk u mkessaħ*)					
Nagħniegħ	ex 1211 90 86	30	Il-Marokk (MA)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([10])	10
(*Ikel - ħxejjex aromatiċi friski*)					

▼**M16**

